MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 261/2009

Kawza fil-lista: 22

**A B D**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, F B, X Z u l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-minuri T B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li hi u l-konvenut F B izzewwgu fid-29 ta' Awissu 2008, izda wara konvivenza qasira ta' ftit gimghat isseparaw de facto f' Ottubru ta' l-istess sena; li eventwalment l-attrici bdiet tikkoabita mal-konvenut X Z; li fl-14 ta' Lulju 2009 twieldet minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali t-tifla T li fuq l-att tat-twelid taghha [numru

2424/09] giet registrata bil-kunjom B D bhala l-wild tal-konvenut F B, mentri fil-fatt mhijiex il-wild naturali ta' dan il-konvenut; li l-attrici ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' zewgha l-konvenut F B wara s-separazzjoni de facto, izda kellha x' taqsam sesswalment biss mal-konvenut X Z; li t-test xjentifiku tad-DNA jikkonferma lil dan il-konvenut bhala l-missier naturali tat-tifla, filwaqt li jeskludi lill-konvenut F B bhala l-missier; ghaldaqstant, l-attrici qed titolb:

[1] li din il-Qorti tiddikjara u tiddecidi li t-tifla T B D mhijex il-wild naturali tal-konvenut F B;

[2] tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri T B D billi, f' dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem F B jigi kancellat u minfloku jitnizzel "missier mhux maghruf" u

[3] tiddikjara konsegwentement illi l-kunjom il-minuri konvenuta T huwa Z u tordna illi hekk ghandu jitnizzel fid-dokumenti kollha ufficjali relattivi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha ddikjara:

1. Illi fl-ewwel lok qegħda tiġi sollevata l-improponibbilità parzjali tal-ewwel talba tar-rikorrenti għaliex filwaqt li hija għandha kull dritt bħala terz interessat li tattakka l-filjazzjoni ta' bintha T B D a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, min-naħa 'l oħra l-liġi ma tagħtihiex l-istess dritt bħala terz interessat li titlob għal dikjarazzjoni ġudizzjali li l-minuri hija l-wild naturali ta' persuna oħra;

2. Illi fuq l-istess stregwa allura lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tieni talba tar-rikorrenti għaliex jekk kemm –il darba hi jirnexxilha tipprova għas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri T B D

mhijiex il-wild naturali tal-intimat F B, f'dak il-każ il-minuri trid tiġi mniżżla u reġistrata bħala l-wild ta' persuna mhux magħrufa. B'daqshekk tajjeb li jiġi ssottolinejat li tali reġistrazzjoni ma tippreġudika bl-ebda mod kwalunkwe proċeduri ta' rikonoxximent li jistgħu jittieħdu sussegwentement;

3. Illli subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu, b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri T B D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, biex ir-rikorrenti jirnexxilha b'suċċess tattakka l-filjazzjoni ta' bintha T B D jeħtieġ illi tipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejnha u bejn żewġha F B tul il-perijodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement turi li fl-isfond reali u soċjali tagħha l-pussess ta' stat tal-minuri T B D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

6. Illi ulterjorment mingħajr preġudizzju għall-premess f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem F B, senjatament fejn hemm indikati isem u kunjom l-omm tat-tarbija, għandhom jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2424 tas-sena 2009;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat li fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2010 l-istess Direttur irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu, in vista tal-korrezzjonijiet ordnati f’ dik l-istess udjenza;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rripsondew li f’ dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, filwaqt li rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA presentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa B [fols.6 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla T B D, li twieled mill-attrici fl-14 ta’ Lulju 2009 u registrata fuq l-att tat-twelid numru 2424/09 bhala l-wild tal-konvenut F B, mhijiex fil-fatt it-tifla naturali ta’ dan il-konvenut.

**Il-Fatt**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li, wara li l-attrici sseparat de facto minn ma’ zewgha l-konvenut F B f’ Ottubru 2008, hija bdiet relazzjoni extra matrimonjali mal-konvenut X Z, mill-liema relazzjoni twieledet it-tifla T.

Illi huwa pacifiku li wara s-separazzjoni de facto l-attrici kellha relazzjonijiet sesswali unikament mal-konvenut Johnathan Farbri, u ghalhekk tghid li dan huwa l-missier bijologiku tat-tifla.

Illi t-test xjentifiku tad-DNA jissufraga t-tezi attrici u jeskludi lill-F B bhala l-missier naturali tat-tifla T.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifla T B D, li twieldet mill-attricit fl-14 ta' Lulju 2009, mhijiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F B; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid, fit-termini tat-tieni talba; u tordna li jsir dak mitlub fit-tielet talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------